**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Luke Gialanze**

Kaz Nru: 938/15

Illum 11 ta' April 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Luke Gialanze ta' 17 –il sena sena, bin Christian u Angele nee' Ellul Mercer, imwieled Sliema fl-24 ta' t' April, 1997 u residenti 38, Sparrow Hawk, Triq il-Mizura, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 171097(M).

Akkuzat talli fil-15 ta' Marzu 2015 fi Triq il-Wilga, San Giljan ghal habta tan-nofsiegha ta' filghodu (00:30 hrs) u fil-hinijiet ta' wara:

1. Ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Cayne Dean Pace, numru tal-karta tal-identita' 448493M skont kif iccertifika minn Dr Daniel Mc Kean M.D., numru mediku 3595 mill-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kkaguntajt griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dean Kay Pace, numru tal-karta tal-identita' 153198M skont kif iccertifikat minn Dr Etienne Paris M.D., numru mediku 5559 mill-Isptar Mater Dei;

Il-Qorti hija mtluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tgal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gahs-sigurta ta' dawn il-persuna hawn fuq imsemmija.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat, li fiz-zmien tal-imputazzjoni kien ghadu minuri, qieghed jigi akkuzat li kkawza ferita gravi fuq Cayne Dean Pace; u ferita hafifa fuq Dean Kaj Pace.

Matul il-proceduri xehdu l-parte civile fejn taw il-versjoni taghhom. Gie wkoll nominat espert mediku, Mr Adrian Agius, fejn wara li ezamina lil Cayne Dean Pace billi kien sofra griehi f'imniehru kkonkluda li mnieher il-parte civile huwa normali u ma kien hemm ebda konsegwenza. Billi ma rrizultax lanqas li l-parte civile dam aktar minn tletin gurnata biex ifieq din il-Qorti qeghda tikkonkludi li ma hemmx prova li l-ferita sofferta hija ta' natura gravi izda li hija ta' natura hafifa.

Fis-seduta tal-11 ta' April 2018, l-imputat skuza ruhu mal-parte civile u obbliga ruhu li ma jkellimhomx u/jew jimmolestahom. Min-naha taghhom is-sinjuri Pace invista tal-apologija u obligazzjoni in atti, iddikjaraw li kienu qeghdin jirtiraw l-azzjoni taghhom u jirrinunzjaw ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet il-Qorti qeghda tiddikjara l-procediment fil-konfront tal-imputat bhala wiehed ezawrit.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**